MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju tal-1995, u b'mod partikolari bejn l-1987 u l-1994, huwa kien garrab ingustizzja billi: (a) ghal ragunijiet ghal kollox diskriminatorji u ingusti, ma kienx inghata trasferiment ghal taqsima ohra tas-Socjeta` intimata kif kien talab, u kif ukoll billi (b) kien gie mcahhad minn promozzjonijiet li kien jimmerita.
Illi, fil-qosor, il-fatti tal-kaz kienu kif ser jinghad:-

Illi r-rikorrent kien ilu impjegat mas-Socjeta` intimata sa mill-1979 bhala skrivan fil-*Fuel & Insurance Section*. Kien ghamel xi zmien bhala *Station Officer* tas-Socjeta`

intimata f'Ruma. Fl-1986, kien inhatar bhala *Assistant Officer* fid-Dipartiment tal-Finanzi tal-istess Socjeta`.

Illi ghall-habta ta' Ottubru tal-1987, kienet tqassmet cirkolari fost l-impjegati tas-Socjeta` intimata li biha kienu gew mgharrfin illi setghu japplikaw sabiex ikunu trasferiti ghal dipartimenti fejn isir xoghol fuq bazi ta' *shift/staggered duties* liema arrangament isir b'rotazzjoni. Ir-rikorrent kien applika f'Novembru tal-1987. It-talba tieghu kienet giet injorata, u meta kien talab twegiba ghal dan, kien mgharraf li biex it-talba tieghu setghet tigi milqugha, kien mehtieg li jidhol xi hadd iehor minfloku fid-Dipartiment biex jirrimpjazzah qabel seta' jibbenefika mill-vantaggi tat-talba tieghu. Din kienet skuza ghal kollox fiergha, billi, kif ghandu jirrizulta waqt is-smiegh tar-Rikors, kien hemm ghadd kbir ta' impjegati ta' kull kategorija fi hdan is-Socjeta' intimata li gew moghtija l-jedd li jahdmu bix-*shift* bla ma gew rimpjazzati minn haddiehor.

Illi r-rikorrent kien baqa' jigi mcahhad mill-beneficcji kollha li tali sistema kien ikun intitolat ghaliha sal-1992.

Illi, minbarra dan, f'Jannar tal-1991, kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta' kariga ta' *Officer - Passenger Handling*. Ir-rikorrent kien applika, qaghad ghall-ezami, u ghall-*interview*, u meta kien hareg ir-rizultat, irrizulta li r-rikorrent kien gie eskluz mill-ghazla indebitament, u fost irregolaritajiet fit-tmexxija tal-ezami, kif ghandu jirrizulta.

Illi, imbaghad, f'Gunju tal-1992, kienet saret sejha ghal applikazzjoni ta' promozzjoni ghal grad ta' *Officer - Clerical Grade I* fid-Dipartiment tal-Flight Services. Ir-rikorrent, bhala *Assistent Officer,* kien applika ghal din il-kariga f'Lulju 1992, kien resaq ghall-ezami preskritt u ghal *interview*, u meta kienu thabbru r-rizultati diversi xhur wara, ir-rikorrent kien baqa' ma ntaghzilx, imma kien ntaghzel minflok persuna ohra li ma kellu la l-kwalifiki u l-anqas biss qatt kien hadem f'dak id-dipartiment. Dan kien sar bi ksur car tas-sejha ghall-applikazzjonijiet innifisha u wkoll tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg tar-rikorrenti u shabu.

Illi l-istess haga grat fl-1993, u l-1994, meta kienu saru sejhat ohra ghal applikazzjonijiet ghall-hatra ta' *Officer Field Services*, u r-rikorrent kien rega' nqabez mill-ghazla u, minfloku, lahqu persuni ohrajn li wiehed minnhom l-anqas biss qatt kien hadem f'dipartiment tal-*field services.*

Illi ghalhekk, ir-rikorrent hass li l-ghemejjel fuq imsemmija kkostitwixxu trattament ingust fil-konfronti tieghu mis-Socjeta` intimata.

Illi r-rikorrent, in sostenn tal-ilment tieghu, kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda msemmija fil-lista u qed jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti marbuta mal-kaz li huwa jixtieq jistabilixxi permezz taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar l-ilmenti tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji w jinghata rimedju billi jigi ordnat:

1. jinghata l-promozzjoni ghal grad ta'*Officer* fid-Dipartiment relattiv flimkien mal-beneficcji tal-anzjanita` b'effett mill-1991.

2. jigi likwidat ammont ta' kumpens xieraq, u dan b'effett mill-21 t'Ottubru, 1987, biex jaghmel tajjeb ghat-telf ta' beneficcji mgarrba mir-rikorrent bl-eskluzjoni tieghu milli jwettaq xoghol bix-*shift system;*

3. jew li, f'kaz li tali rimedji ma jistghux jinghataw, jigi ordnat hlas lir-rikorrent ta' kumpens ammontanti ghal hamest elef lira jew dak l-ammont iehor verjuri li l-istess Tribunal joghgbu jiffissa, sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsara li r-rikorrent garrab kif fuq premess.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Air Malta Company Limited li eccepiet:

(a) Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti:

(b) Illi r-rikorrent ma kienx thalla jmur jahdem f'taqsima ohra tal-kumpanija ghaliex ma kienx hemm replacement ghalih.

(c) Illi meta kien applika ghal post ta' Officer Passanger Handling huwa kien gie is-77 wiehed minn 90 kandidat (App. A).

(d) Illi l-Bord ta' l-Appell kien ikkonferma dan ir-rizultat (App. B).

(e) Illi meta kien applika ghall Officer Flight Services ir-rikorrent kien gie t-13 minn 21 kandidati (App C).

(f) Illi l-Bord ta' l-Appell kien ikkonferma dan ir-rizultat (App.D).

(g) Illi huwa kien applika wkoll ghal kumpens quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghar-rigward dan ir-rizultat tal-interview (App E).

(h) Illi fil-1993 u 1994 r-rikorrent ma kienx appella lill-Bord mir-rizultati tal-interviews ta' officer Field Services u ghalhekk dan ifisser li kien qabel mal-istess.

(i) Illi mhux minnu li dawk li gew promossi ghal Officers Field services bejn il-1993 u 1994 qatt ma kienu hadmu f'dan ix-xoghol u dana stante li Anthony Calleja kien ilu hemm mill-10/08/97, Peter Zammit mit-12/08/97, Carmel Axiaq mill-4/6/79; u Jerome Spiteri mit-23/02/81 filwaqt li r-rikorrent kien beda fl-20/02/92.

(j) Illi wara hames xhur biss mill-hatra tieghu f'Ruma, huwa kien talab zieda fil-paga tant kbira li ma kienx possibbli ghas-socjeta' intimata li taghmel dan u ghalhekk kien gie ordnat biex jirritorna Malta.

(k) Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent pprezenta affidavit u semma li ilu jahdem ma' l-Airmalta minn Gunju 1979 bhala trainee u f'Jannar 1980 gie konfermat fl-impjieg u nghata l-hatra ta' Clerk III fit-Taqsima tal-Finanzi. Qal li gie trasferit fis-sezzjoni tal-Fuel & Insurance fejn kellu hafna responsabbilita`. Kien intbaghat bhala Station Officer fl-ufficju tal-kumpanija ta' Ruma b'kuntratt ta' 3 snin fejn kellu responsabbilita` kbira fuq xoghlu. Wara li nizel lura Malta kien inghata promozzjoni ghall-grad ta' Assistant Officer fit-Taqsima tal-Finanzi u qal li f'dik it-Taqsima ma kienx isir xoghol bix-shift.

F'Ottubru 1987 il-Kumpanija harget cirkolari 37/87 li talbet lill-impjegati taghha li ma kellhomx sistema ta' xift jekk xtaqux jidhlu f'tali sistema, u r-rikorrent tefa' l-applikazzjoni tieghu. Sentejn u nofs wara li tefa' l-applikazzjoni tieghu, il-kumpanija injoratu ghal kollox izda f'Marzu 1990 kien ircieva ittra fejn gie mgharraf li l-applikazzjoni li kien ghamel fit 2 ta' Novembru, 1987, ma kenitx valida izjed.

Il-Kumpanija kienet tuza l-iskuza li biex it-talba tintlaqa' jrid jigi xi hadd minfloku. Qal li din kienet skuza diskriminatorja ghax ghadd ta' kollegi tieghu fit-Taqsima tal-Finanzi bl-istess grad tieghu imma b' anzjanita` anqas minnu, li kienu membri ta' trade union differenti minn tieghu, kienu ntbaghtu jahdmu f'taqsimiet ohra minghajr ma ntbaghtu replacements taghhom fit-Taqsima. Ipprezenta prospett b'lista ta' ismijiet ta' persuni bejn l-1987 u l-1992 li kienu gew imcaqalqin mit-Taqsima tal-Finanzi ghal taqsimiet ohra tal-Air Malta minghajr ma gew rimpjazzati b'ohrajn.

Zied jghid li fl-1991, minkejja li fit-Taqsima ta’ Ground Operations kien hemm postijiet battala, xorta baqa’ ma ntbghatx hemm u l-kumpannija kienet imliet tali vakanzi billi ingaggat ghadd ta’ haddiema part-time jew casuals minn barra l-Air Malta. Semma li matul l-1991 kien applika wkoll ghal sejhat ohra interni ta’ mili ta’ karigi ta’ Officer jew Assistant Officer fit-Taqsima ta’ Passenger Handling Services Cirkolarijiet 83/91 u 84/91 izda gie injorat ukoll.

F’Novembru tal-1990 kien sar ftehim bejn il-Union maghrufa mill-Kumpanija biex jekk isir caqlieq ta’ impjegati mit-Taqsima tal-Finanzi ghal taqsimiet ohra tal-Kumpanija dan kellu jsir fuq bazi ta’ anzjanita`. Ir-rikorrent qal li fir-rigward tieghu, il-ftehim inkiser anqas minn sitt xhur wara. Fi Frar 1992 wara pressjoni mill-Union tieghu r-rikorrent gie trasferit fit-Taqsima ta’ Flight Services fid-Dipartiment tal-Ground Handling ghall-ewwel billi hadem biss matul il-jum. Gie inkluz fis-sistema ta’ xift f’dik it-Taqsima b’effett minn Marzu tal-istess sena.

Semma li dawk li bejn l-1982 u l-1987 kienu gew trasferiti minn taqsimiet ohra tal-Air Malta ghat-Taqsima tal-Finanzi kienu nghataw b’izjed minn 17-il elf lira Maltin f’kumpens fl-1991 ghat-telf ta’ xoghol b’xift. Hu qal li l-kumpanija ma tatu l-ebda kumpens talli dam ma nghata l-kariga kif talab. Qal li kien appella u d-domanda tieghu ma gietx milqugha. Qal li kien hemm okkazjonijiet fejn applika ghall-karigi f’Dipartimenti fejn ma kienx jahdem. Qal li kellu lment ghall-applikazzjoni tieghu ghal Officer Flight Services quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u hu kien tilef dak il-kaz. Eesebixxa kopja ta' Minuti tal-meeting li kien sar bejn il-kumpanija u l-General Workers Union.

Xehed Joseph Mifsud li semma li hu u r-rikorrent kienu jahdmu fis-sezzjoni tal-finanzi u r-rikorrent dejjem wera’ x-xewqa li jmur jahdem bix-shift u kien kellem ukoll lill-Manager Personnel, li kien Mr. Stephen Young. Semma li hu beda jahdem mal-Kumpanija Airmalta fl-1979 u r-rikorrent kien beda jahdem mal-Kumpanija xi ftit xhur warajh. Meta kienu hargu xi applikazzjonijiet fir-rigward

tax-shift, ir-rikorrent kien applika u kien ircieva biss acknowledgement. Qal li qabel hargu l-applikazzjonijiet ghax-shift kienu saru xi trasferimenti f'Mejju 1987 ghal post fejn ried imur ir-rikorrent izda hu ma kienx gie trasferit.

Qal li r-rikorrent kien ix-Shop Steward tal-GWU. F'wahda mill-laqghat kienu nfurmawh li fir-rigward tat-trasferimenti li kienu qed isiru f'Mejju 1987 kien qed isir qbil bejn il-Union u l-Kumpanija u li dawk it-trasferimenti kienu ser isiru skond is-seniority. Qal li f'Mejju 1987 kien hemm korrispondenza li tghid illi biex tigi trasferit irid ikun hemm replacement. Ix-xhud qal li wara l-bidla tal-Gvern dawk li gew trasferiti ma kienx hemm replacement taghhom. Qal li dawk li hadu t-transfer kienu ta' kulur politiku oppost tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent dejjem qeda dmiru sew u r-rikorrent ried jidhol bix-shift minhabba r-raguni finanzjarji u biex izid l-esperjenza tieghu tax-xoghol. Qal li r-rikorrent minn grad ta' Asst. Officer ma setax japplika ghal grad ta' Officer biex jitla' fil-grad ghaliex dik kienet tkun ta' konflitt mal-fatt li hu ried jigi trasferit ghall-sezzjoni ohra.

Xehed <u>Tony Zarb</u> li qal li fl-1987 kien Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport fil-GWU u qal li jaf lir-rikorrent. Ftakar li kienet tqassmet cirkolari mal-kumpanija Air Malta dwar shift/staggered duties u din ic-cirkorlari kienet tqassmet biss ma' dawk il-haddiema li kienu jahdmu bid-day duties. Il-Union kienet ghamlet ftehim li min kien qed jahdem bid-day duties imur jahdem bix-shift u f'dan il-ftehim inghatat importanza lis-seniority. Qal li hu kien prezenti ghal dak il-ftehim.

Qal li xi tliet snin jew erba' wara dan il-ftehim, Joseph Mifsud kien intbaghat bix-shift imbaghad wara ftit taz-zmien kien intbaghat ukoll Mario Vella u dan bi pressjoni minn naha ta' l-impjegati u min naha tal-Union. Tony Zarb qal li ma jafx li kien hemm xi raguni sodisfacenti ghalfejn dawn iddewmu biex jintbaghtu jahdmu bix-shift. Il-Union izda kellha suspett li l-kumpanija ghamlet hekk lil dawn ghax kienu attivisti kbar fil-Union.

Xehed Ray Avallone fejn ftakar kemm lil Joseph Mifsud kif ukoll lil Mario Vella jidhlu l-Air Malta. Qal li minn Settembru 1988 sa April 1994 kien Assistent Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport fil-GWU. Fis-sajf 1987 kienu nghataw numru ta' trasferimenti fuq talba ta' l-impjegati stess fejn gew trasferiti mill-Finanzi ghal sezzjonijiet ohra fejn setghu jahdmu bix-shift. Semma li dak iz-zmien hu kien ghadu mhux Assistent Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport izda kien diga` attiv hafna fil-GWU u kien diga` r-right-hand man ta' Tony Zarb ghalhekk qal li jiftakar certi dettalji.

Qal li dak iz-zmien kien hemm ftehim dwar sistema ta' rotation, jigifieri min ser jahdem bix-shift jew le pero` din ma kenitx effettiva u tahdem wisq peress li certi nies kienu qed jiggwadanjaw minnha u certi nies le u kien hemm certu element ta' diskriminazzjoni fil-mod kif kienet tigi implimentata ghax ma kenitx qed tigi applikata lil kulhadd ugwalment. Joseph Mifsud u Mario Vella kienu attivi hafna fl-attivitajiet tal-GWU u Mario Vella kien shop-steward dak iz-zmien. Ir-risposta ufficjali li kienet taslilhom mill-kumpanija ghax Mifsud u Vella kienu qed idumu ma jinghataw post bix-shift kienet ghax ma kienx hemm replacement. Qal li meta gew trasferiti jahdmu bix-shift madwar 18-il ruh, ma kienx hemm replacement ghalihom u x-xoghol ta' dawn il-persuni kollha kellu jinqasam fuq l-impjegati li baqghu hemmhekk.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li t-talba tar-rikorrent ghandha erba' aspetti u cioe` fuq li:

1. allegatament, ingustament huwa ma tpoggiex fuq shift duties u minhabba f' hekk tilef shift allowances u possibbilment li javvanza;

2. li ma nghatax il-promozzjoni ghal Officer Passenger Handling fl-1991;

3. li ma nghatax il-hatra ta' Officer Clerical Grade 1 tal-Flight Services;

4. li ma nghatax il-hatra ta' Officer Field Services.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment jinghad li shift allowances ma humhiex ta' kompetenza tat-Tribunal. F' dan l-istadju t-Tribunal jirreferixxi ghall-kawza fl-ismijiet "Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited" deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, fejn it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid…

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan lAtt.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-

generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecieda fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien

jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**…"

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **shift allowances.** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bi1-ligi. Ghalhekk ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal.

Dwar it-tieni u r-raba' aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe` dwar Officer Passenger Handling u Officer Field Services fejn hu sostna li gie mholli barra ingustament, jinghad li lit-Tribunal ma sarulu ebda provi dwar tali promozzjonijiet u min kien l-aktar kwalifikat, jew kellu l-aktar seniority ghal din il-kariga. Biex it-Tribunal ikun jista' jasal li saret ingustizzja hu essenzjali li jigi pruvat li r-rikorrent kellu kwalifiki u anzjanita` sufficjenti biex jista' jilhaq f' din il-pozizzjoni u li inoltre kien aktar kwalifikat kemm akkademikament kif ukoll permezz ta' esperjenza mill-persuni l-ohra li fil-fatt gew moghtija din il-kariga. Quddiem it-Tribunal ma ngabet ebda prova dwar min fil-fatt gie mlahhaq u dwar min kien applika u xi kwalifiki u x'

anzjanita` kellhom dawn in-nies. Minhabba f' hekk it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li saret xi ingustizzja fir-rigward tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Dwar it-tielet aspett tal-ilment u cioe` n-nuqqas ta' promozzjoni ghal Officer Clerical Grade 1 Flight Services jinghad li fil-fatt anke skond dak li ammetta r-rikorrent stess a fol 45 tal-process kif ukoll dak li jissemma f' Appendix E fol 20 tal-process il-kaz tar-rikorrent kien gie prezentat lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li ghamlet id-decizjoni taghha. Minhabba f' hekk a tenur tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 394 it-Tribunal mhux sejjer jaccetta li jezercita s-setghat tieghu.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------